**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 12 ta' Lulju 2023**

Rikors Numru: 266/23 AL

A B C

vs

D C

(M.R. Numru 188/2010)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu esponiet:

1. Illi l-partijiet iżżewġu nhar is-sebgħa u Ghoxrin ta' Marzu tas-sena Elfejn u Ghaxra (27/03/2010) fir-Registru Pubbliku, l-Belt Valletta (Kopja vera taċ-Ċertifikat taż-Zwieg qed jigi anness u mmarkat bhala 'DOK.A');
2. Illi minn dan iż-żwieġ twieldu żewġt itfal u cioé E F C u G H I J K C;

3. Illi E F C twieldet nhar it-Tlieta, Tlettax ta' Awwissu tas-sena Elfejn u Tnejn (13/08/2002), mentri GHIJK C twieldet nhar il-Hamis, Dsagħtax ta' Jannar tas-sena Elfejn u Tnax (kopja taċ-ċertifikati tat-twelid qed jiġu mmarkati u annessi bħala 'DOK.B' u 'DOK.C');

4. Illi l-partijiet ilhom separati de jure permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat Disgħa ta' Marzu tas-sena Elfejn u Sittax (09/03/2016) lhiema kuntratt ġie awtorizzat minn din l- Onorabbli Qorti, u li huwa fl-atti tan-Nutar Anton Borg (Kopja tal-Kuntratt tas-Separazzjoni qed jigi anness u mmarkat bhala 'DOK.D').

5. Illi għaldaqstant, m'hemm ebda prospett ragionevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet.

6. Illi m'hemm ebda manteniment dovut;

7. Illi l-partijiet qegħdin jgħixu hajja totalment separata minn xulxin u llum il-ġurnata għandhom il-ħajja tagħhom u għaldaqstant, ma teżisti l-ebda possibilità ta' rikonċiljazzjoni;

8. Illi l-esponenti ma tixtieqx tirriverti ghal kunjomha xebba;

9. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha meħtieġa għall-ksib ta' divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili (KAP.16) tal-Liġijiet ta’ Malta;

10. Illi ma' dan ir-rikors, qed jiġi anness l-Affidavit tal-esponenti nfisha (Affidavit qed jigi anness u mmarkat bħala 'DOK.E');

Talbet lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. F'każ li l-esponenti ma jirnexxilhiex tinnotifika lill-intimat b'dan ir-rikors tawtorizzaha sabiex tinnotifikah fuq il-post tax-xoghol kif ukoll Wara l-Hin Legali;

2. Tippronunzja l-hall taż-żwieġ li gie èelebrat is-Sebgħa u Ghoxrin ta' Marzu tas-sena Elfejn u Ghaxra (27/03/2010) fir-Registru Pubbliku, l-Belt Valletta:

3. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taż-żwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tas-16 ta’ Mejju 2023;

Rat l-affidavits bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma deherx ghal dawn il-proċeduri u ma pprezentax risposta;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-9 ta’ Marzu 2016;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta’ rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ ħlas ta’ manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.